31993R0317

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 317/93

tad-9 ta' Frar 1993

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1906/90 dwar ċerti *standards* tal-*marketing* tal-laħam tat-tjur

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam tat-tjur [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi r-Regolament (KEE) Nru 1906/90 [2] jistabbilixxi ċerti *standards* tal-*marketing* tal-laħam tat-tjur;

Billi d-definizjonijiet tal-laħam tat-tjur li jinsabu fir-Regolament (KEE) Nru 1906/90 għandhom jiġu emendati sabiex jeskludu kull tip ta' tħejjijiet mil-laħam tat-tjur;

Billi, sabiex tingħata konsiderazzjoni xierqa lill-kondizzjonijiet tal-*marketing* tal-laħam tat-tjur fil-livell tal-bejgħ bl-imnut, l-Istati Membri għandhom jitħallew jistabbilixxu l-ħtiġiet speċifiċi tat-temperaturi għall-qtugħ u ħażna tal-laħam frisk tat-tjur fil-kummerċ tal-bejgħ bl-imnut,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

ARTIKOLU 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 1906/90 huwa hawnhekk emendat kif ġej

"1. 'laħam tat-tjur' ifisser: il-laħam tat-tjur li huma addattati għall-konsum mill-bniedem, li ma jkun għadda minn ebda tip ta' trattament għajr għat-trattament tat-tkessiħ;"

2. Il-punt 5 ta' l-Artikolu 2 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"5. 'laħam frisk tat-tjur' ifisser: il-laħam tat-tjur li ma jibbiesx bil-proċess tat-tkessiħ, li jrid jinżamm f'temperatura ta' mhux inqas minn 2°C u mhux iktar minn 4°C f'kull ħin; madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiffissaw ħtiġiet ta' temperaturi differenti għall-qtugħ u l-ħażna tal-laħam frisk tat-tjur li jitwettqu fil-ħwienet tal-bejgħ bl-imnut jew f'postijiet li jmissu mal-fondi tal-bejgħ, fejn il-qtugħ u l-ħażna jitwettqu biss sabiex il-konsumatur ikun jista' jinqeda fuq il-post;".

Artikolu 2

Dan ir- Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-7 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Madanakollu, id-dispożizzjonijiet tal-punt 1 ta' l-Artikolu 1 għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

Dan ir- Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-9 ta' Frar 1993.

Għall-Kunsill

Il-President

B. WESTH

---

[1] ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 77. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru. 1235/89 (ĠU L 128, tal-11.5.1989, p. 29).

[2] ĠU L 173, tas-6.7.1990, p. 1.